# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 68/2015 MH**

**Illum, 3 ta’ Frar, 2023**

**Stephen Parnis (K.I. 234367M)**

**vs**

**Direttur tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrent Stephen Parnis tal-1 ta’ Settembru 2015** li permezz tiegħu ġie premess u mitlub –

*Jesponi bir-rispett.*

*Illi ir-rikorrenti huwa sid il-fond ossia villa, ‘Mon Cheri’ Plot 4, Triq l-Algerija Naxxar u huwa ilu jghix hemm ma’ famiktu ghal dawn l-ahhar tnejn u ghoxrin sena [22];*

*Illi bhala xoghol ir-rikorrenti jaghmel xoghol ta’ burdnar u ghandu licenzjat fuqu tlitt [3] trukkijiet li bihom jaghmel ix-xoghol tieghu;*

*Illi fl-10 ta' Gunju 2014, l-intimati permezz ta' avviz ta' twettieq numru 266/07 ghamlu azzjoni diretta kontra r-rikorrenti u bl-assistenza tal-Pulizija ordnaw lir-rikorrenti biex ma' jipparkjax izjed fil-basement garage tieghu t-tlitt [3] trukkijiet propjeta tieghu, har-raguni li kien qed jinholoq inkonvenjent lil wiehed mill-girien;*

*Illi dina l-azzjoni r-rikorrenti iqisa bhala wahda abbuziva u minkejja li ttanta jikkorrispondi mal-Awtroita koncernata, l-istess baqghet ma' tat ebda risposta u jew hadet xi azzjoni biex tirrimedja;*

*Illi minn dan iz-zmien 'lhawn, ir-rikorrenti spicca biex b'inkonvenjent kbir, flok qed jipparkeggja l-vetturi fil-garage tieghu mad-dar, qed ikollu jhalli l-istess fi plot propjeta ta'missieru;*

*Illi l-agir tal-intimati huwa wiehed li qed jippregudika bis-sehh l-artikolu 37 [1] tal-Kostituzjoni ta' Malta u anke Art 1 Protocol 1, tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta li tirrifletti l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentalui tal-Bniedem;*

*Illi 'n kwantu dina l-lanzjana,dana huwa l-uniku forum, fejn l-esponenti seta' jindirizza dina l-lanzjana tieghu;*

*Ghaldaqstant, r-rikorrenti qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti Kostituzjonali :-*

1. *Tiddikjara li l-intimati bl-agir taghhom u senjatament bil-hrug u l-azzjoni diretta tal-avviz tat-twettieq numru 266/07 pregudikaw u kisru d-drittijiet ta' godiment ta' propjeta privata hekk kif sanciti u protetti taht l-artikolu 37[1] tal-Kostituzjoni ta' Malta u l-artikolu 1, Proto. 1 [Schedule 1] tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Takkorda kull rimedju adegwat fic-cirkostanzi inkluz izda mhux biss li jigi ordnat li l-avviz ta' twettiq numru 266/07 jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;*

*Bl-ispejjez.*

Rat **ir-risposta tad-Direttur intimat tal-10 ta' Settembru 2015**[1] permezz ta' liema ressaq dawn l-eċċezzjonijiet -

*Tesponi bir-rispett:*

1. *Illi preliminarjament, l-intimat ma hux il-legittimu kontradittur in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 7 (1) tal-Kap 504 (ara wkoll is-sub-inciz (2) tal-istess artikolu), u dan presumendo li din il-kawza kellha tigi diretta fil-konfront tal-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar , li ma hijiex parti fil-kawza. Jigi rilevat ukoll illi l-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghandha numru ta' diretturi li jamministraw id-diversi direttorati taghha kif jirrizulta mill-Kap 504, u r-rikorrent naqas milli jindika ghal liema direttur qieghed jirreferi.*

2. *Illi subordinatament u bla ebda hsara ghall-premess, qed jigi umilment eccepit illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghet Kostituzzjonali taghha ai temini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li r-rikorrent kellu rimedji ordinarji u effettivi disponibbli ggalih skont il-Ligi sabiex jikkontesta l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq (enforcement notice) numru 266/2015, liema rimedji pero' r-rikorrent naqas milli jutilizza.Ir-rikorrent kellu d-dritt li jressaq apell kontra l-hrug tal-imsemmi avviz quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ai termini tal-Artikolu 86 (12) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll d-dritt li jressaq appell, fuq punt ta' dritt, mid-decizjoni tal-istess Tribunal quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ai termini tal-Artikolu 41 tal-imsemmi Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta ; u dan apparti r-rimedju ta' judicial review kontemplat fl-Artikolu 469A u l-artikolu 32(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.*[1]

3. *Illi f'kull kaz u bla hsara ghall-premess,l-allegazzjoni tar-rikorrent li bl-agir tal-intimati huwa sofra minn ksur "tad-drittijiet ta' godiment ta' propjeta' privata hekk kif sanciti u protetti taht l-Artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1, Protokoll 1 (Schedule 1) tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta" hija allegazzjoni nfondata ghall-ahhar.*

---

[1] Fol 5 et seq

4. *Illi b'riferenza ghall-eccezzjoni mressqa fil-paragrafu precedenti ghal dan, jkun opportun illi jigu ccartai whud mill-fatti rilevanti ghal dan il-kaz, liema fatti ser jigu mfissra fil-paragrafi li gejjin;*

(i) *Illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrent, l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq in kwistjoni nhareg mill-MEPA, mhux ghaliex ir-rikorrent kien qed johloq xi "inkonvenjent lil wiehed mill-girien", izda ghaliex l-istess rikorrent wettaq zvilupp illegali, ossia zvilupp mhux konformi mal-permess tal-izvilupp, konsistenti fost ohrajn minn (i) bini ta' "garaxx ghali aktar minn kif approvat fil-permess PB2892/89 datat 03/11/1989" u kif ukoll (ii) "alterazzjonijiet ohra fuq il-faccata mhux skond il-pjanta approvata PB 2892/89/1c".*

(ii) *Permezz tal-imsemmi avviz, ir-rikorrent gie avzat sabiex fi zmien sittax il-gurnata (i) jwaqqaf immedjatament l-izvilupp illegali ezistenti fuq is-sit,(ii) ma jwettaq l-ebda zvilupp iehor minghajr permess (iii) u jnehhi kull zvilupp iehir li ghandu mibni minghajr permess.*

(iii) *Illi l-imsemmi avviz gie mahrug mill-MEPA fil-25 ta' Marzu 2007* ***(Dokument A)*** *u notifikat lir-rikorrent fil-15 ta'Mejju 2007* ***(Dokument B)****. Illi r-rikorrent iddecida li sempliciment jinjora dan l-avviz, ma ressaq l-ebda appell dwaru u wisq anqas ma ottempera ruhu mal-ordni kontenuta fl-istess enforcement notice. Tabilhaqq, ir-rikorrent baqa' jippersisti fl-illegalita' li kienet tigi minnu kommessa u dan sakemm il-MEPA giet kostretta li tagixxi sabiex din l-illegalita', bis-sahha tas-setghat tad-direct action moghtija lilha a tenur tal-Artikolu 90 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta.*

(iv) *Illi kien ir-rikorrent stess illi rrikonoxxa u accetta li l-izvilupp indikat fl-avviz gie mwettaq minnu mingajr permess, u dan mhux biss ghaliex ir-rikorrent ma ressaq l-ebda appell mill-enforcement notice in kwistjoni,izda wkoll ghaliex ir-rikorrent intavola applikazzjoni mal-Awtorita ' propju sabiex jissanzjona l-izvilupp illegali indikat fl-istess enforcement notice* ***(Dokument C)****.Illi hu stramb kif fir-rikors promotur, dankollu lanqas biss gie espost meta hu kardinali ghall-kaz,anzi dawn l-espisodji jinqabzu bhallikienu kienu inezistenti.*

(v) *Illi d-dritt li r-rikorrent qieghed jippretendi illi ghandu – u li allegatament qed jigi miksur – ma hu xejn hlief id-dritt illi jhoss li hu ghandu li jkompli jippersisti fi stat ta' illegalita'.*

5. *Illi fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ma jista qatt jigi riskontrat ksur tal-istess fil-kwadru tal-fatti espost mir-rikorrent, u dan billi ma hux qed jigi imentat li l-ownerships rights u/jew t-titolu illi r-rikorrent ghandu fuq il-propjeta tieghu qed jigu b'xi mod ippregudikati, u kwindi ma jissussisti l-ebda tehid firzuz tal-propjeta' tar-rikorrent, li f'kull kaz trid issir il-prova li r-rikorrent hu titolari taghha sabiex jissussisti interess guridiku mehtieg biex tigi promossa l-istanza odjerna.*

6. *Illi wkoll u fir-rigward tal-allegat ksur ta' xi jedd protett u sancit that il-Konvenzjoni, kif tajjeb tosserva l-awtrici Monica Carss-Frisk, "in order to invoke the protection of Article 1, a person must enjoy some right as a matter of domestic law, which may be regarded as a property right from the Convention perspective.*[2] *Id-"dritt" li wiehed igawdi propjeta 'kolpita' b'illegalita ma hux sancit propju ghaliex il-ligi ma hijiex hemm biex tittutela l-illegalita' u jigi zvantaggjant min jikkonforma ruhhu mal-ligi Kwindi ma jissussisti l-ebda ksur tal-ewwel artikolu protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (u tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta).*

7. *Illi l-izvilupp imwettaq mir-rikorrent minghajr permess jikkostitwixxi ksur car tal-Ligi tal-Ippjanar u la l-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas il-Konvenzjonighall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem ma jipprotegu d-"dritt" illi wiehed jikser il-Ligi tal-Ippjanar. Agir bhal dan huwa <u>punibbli</u> mill-Ligi mhux <u>protett</u> mill-Ligi. Ir-rikorrent ma jistax jippretendi li jista' jitla' l fuq mill-ligi, jikkommentti l-illegalitajiet, jippersisti fl-illegalitajiet tieghu u ma jnehhix l-istess, u tmien snin wara l-hrug tal-enforcement notice, jipprezenta kawza Kostituzzjonali illi hi karenti minn bazi legali.*

8. *Illi f'kull kaz, u bla hsara ghall-premess, kull azzjoni mwettqa mill-MEPA in konnessjoni ma' dan il-kaz kienet wahda regolari u perfettament konfomi mal-obbligi u s-setghat moghtija lill-istess Awtrorita' skond il-Ligi, senjatament l-obbligi u s-setghat moghtija lill-Awtorita' bis-sahha tal-Artikolu 90 tal-Kap.504 tal-Ligijiet ta' Malta , liema Artikolu jipprovdi.*

*illi "jekk xi passi jew azzjoni ohra, komprizi s-sospensjoni, twaqqif jew htiega ohra bhal dik, mehtiega li jittiehdu b'avviz ta' twettiq ma jkunx ittiehdu fiz-zmien specifikat hemmhekk, l-Awtorita' tista tidhol fl-art, jew f'area tal-bahar u tiehu dawk il-passi jew azzjoni ohra kif imsemmijin, inkluzi l-izmantellar jew it-tnehhija ta' xi apparat, makkinarju ghodod,beni vetturi jew xi oggetti ohra li jistghu jkunu fis-sit u l-ghemil ta' kull xoghol mehtieg biex twettaq dak mitlub fl-avviz ta' twettiq u ghal dan il-ghan tista' titlob l-ghajnuna tal-Korp tal-Pulizija, ta'kull Kunsill lokali, kull dipartiment tal-Gvern jew kull agenzija tal-Gvern; u l-Korp tal-Pulizija ghandu ghal dan il-ghan jezercita awk is-setghat moghtija lilu bil-ligi". Ir-rikorrent ma huwiex qed jattakka din il-ligi.*

9. *Ghaldaqstant t-talbiet kollha tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma jimmeritawx akkoljiment.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez kontra r-rikorrent.*

Rat il-provi tal-partijiet.

Rat li l-kawża ġiet differita għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrent intavola l-proċeduri odjerni għax fil-fehma tiegħu ġew vjolati d-drittijiet fundamentali tiegħu għat-tgawdija tal-propjeta' kif protetti bl-artikoli 37 (1) tal-Kostituzzjoni ("Il-Kostituzzjoni") u l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet fundamentali ("Il-Konvenzjoni"). Dan b'riżultat tal-aġir tad-Direttur tal-Awtorita' intimata bil-ħruġ tal-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq numru 266/07 u *direct action* meħuda fil-konfront tiegħu. Huwa qed jitlob rimedji adegwati, inkluż dikjarazzjoni tan-nullita' tal-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq in kwistjoni.

Minn naħa tiegħu d-Direttur intimat irrespinġa dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

## A. **PROVI**

Mill-atti jirriżulta li –

i. Ir-rikorrent huwa proprjetarju ta' villa ġewwa n-Naxxar u għandu garaxx taħt l-istess villa li fih idaħħal it-tlett trakkijiet tiegħu. Xehed li wieħed minn dawn it-trakkijiet bin-numru ta' reġistrazzjoni DAA-797 kien ġie reġistrat bħala *vintage/classic* diversi snin ilu u ma jużahx. Huwa juża ż-żewġ trakkijiet l-oħra bin-numru ta' reġistrazzjoni DAL-441 u JBC-671[2] biex iġorr il-ġebel fix-xogħol tiegħu ta' burdnar[3];

ii. Skont il-Permess tal-Bini numru 2892/89 datat 3 ta' Novembru 1989[4] maħruġ lir-rikorrent mit-Taqsima tal-Permessi tal-Bini tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet l-iżvilupp li seta' jsir fis-sit mertu tal-kawża odjerna kien –

*"to erect dwelling and garage for private cars as per plans/elevations PAPB/2892/89/1B/C submitted with application dated 1.7.89 and amended subject to General Conditions (A) on form DC1/89 and other conditions applicable, namely:-*

*(B) Conditions for underlying basements and garages.*

*Balconies should not be in gold, silver or bronze aluminium. Height of building should not exceed two floors plus underlying basement."*

iii. Charles Gafa' għan-nom tal-MEPA spjega li 'karozzi privati' qed tirreferi għal vetturi li huma għall-użu privat u mhux għall-użu kummerċjali[5]. Mal-permess tal-bini kien hemm il-pjanti approvati li juru kif kellha ssir il-binja nkluż il-garaxx[6];

iv. Dwar dan il-permess, Oliver Magro għan-nom tad-Direttur intimat xehed li l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Awtoritajiet kompetenti kienet sabiex il-garaxx ( ta' mad-dar mertu ta' din il-kawża) intuża għal karozzi privati biss u fil-fatt l-

[2] Fol 180
[3] Fol 20 et seq u fol 53 et seq
[4] Fol 33
[5] Fol 162
[6] Fol 37 et seq

għoli massimu approvat kien ta' sitt filati. Madankollu r-rikorrent bena dan il-garaxx aktar għoli minn dak approvat fil-permess u fih beda jdaħħal anke t-trakkijiet li juża għax-xogħol kif irriżulta minn spezzjoni li saret minn uffiċjal tal-Awtorita'[7];

v. Minn naħa tiegħu r-rikorrent jinsisti li l-garaxx bnieh skont il-permess għax kieku l-awtoritajiet ma kinux ituh dawl[8];

vi. Fil-25 t'April 2007 il-MEPA ħarġet Avviż biex Tieqaf u Ta' Twettiq numru 266/07[9] kontra r-rikorrent minħabba ksur ta' kontroll tal-ippjanar li kien jgħid hekk –

*"Għandek żvilupp li jikkonsisti f'garaxx għoli aktar minn kif approvat fil-permess PB 2892/89 datat 03/11/1989 kif ukoll alterazzjonijiet oħra fuq il-faċċata mhux skont il-pjanta approvata PB/2892/89/1C."*

vii. Permezz ta' dan l-Avviż huwa kien ordnat ireġġa lura kull ħaġa li għandu mingħajr permess u jissottometti applikazzjoni sanatorja fi żmien sittax -il ġurnata;

viii. Dan l-Avviż ġie notifikat lir-rikorrent fil-15 ta' Mejju 2007[10];

ix. Ir-rikorrent ikkonferma li huwa ma kkontestax dan l-Avviż biex Tieqaf u Ta' Twettiq quddiem il-forum kompetenti skont il-liġi[11];

x. Imbagħad, fil-11 ta' Diċembru 2012[12] ir-rikorrent intavola applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp quddiem il-MEPA sabiex jiġi sanzjonat is-segwenti – *"Sanctioning of property as built. Sanctioning of garage to be also used (apart from parking of private cars) for the parkimg of trucks owned by applicant when not in use (not for commercial use)."*

xi. Eventwalment, fit-28 ta' Mejju 2013 kienet saret rikjesta da parti tar-rikorrent bir-referenza CTB 01125/13 biex tingħata –

[7] Fol 31
[8] Fol 146
[9] Fol 8
[10] Fol 9
[11] Xhieda rikorrent a fol 25
[12] Fol 10 et seq

*"Concession for size of backyard, increase in height, external modifications and external modifications not visible from public roads."*

xii. Ftit wara, fid-19 ta' Ġunju 2013, il-perit tar-rikorrent kien bagħat javża lill-Awtorita' ntimata li l-klijent tiegħu r-rikorrent kien qiegħed jirtira l-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp għas-sanzjonar tal-illegalitajiet fuq imsemmija għax fi kliemu *"he is currently awaiting a CTB*[13]*."*

xiii. Permezz ta' korrispondenza datata 11 ta' Settembru 2013[14] l-Awtorita' ntimata nfurmat lir-rikorrent li l-ksur imsemmi fl-applikazzjoni CTB 01125/13 kien jikkwalifika għal konċessjoni kontemplata fil-liġi ai termini tal-Att X tal-2010. Madankollu l-Awtorita' ssottolineat li –

*"This Notice does not cover any other works or sanction any illegal development which may exist in site."*

xiv. Dwar dan, Oliver Magro[15] u Charles Gafa[16] għan-nom tal-MEPA xehdu li CTB mhuwhiex permess ta' żvilupp iżda konċessjoni/rikonoxximent li l-applikant għandu żvilupp li jkun sar b'mod illegali. Kwindi, kif ingħad fil-korrispondenza tal-MEPA tal-11 ta' Settembru 2013, dak li kien illegali kien jibqa' meqjus illegali. Huwa biss bl-approvazzjoni tal-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp għas-sanzjonar tal-illegalita li jinħareġ il-permess sabiex tiġi sanzjonata tali rregolarita'. Ic-CTB (li llum spiċċat) kienet l-aktar tintuża biex fil-perjodu *interim* sakemm tiddaħħal u tiġi proċessata applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp quddiem il-MEPA għas-sanzjonar tal-illegalita', applikant ikollu xorta l-awtorizzazzjoni biex iwettaq xi affarijiet eż biex japplika għad-dawl u l-ilma fost oħrajn. Madankollu r-rikorrent odjern għamel bil-kontra – żamm l-illegalita', rtira l-applikazzjoni għas-sanzjonar u żamm is-CTB. Inoltre, kif kompla jirriżulta mix-xhieda, ir-rikjesta li kien hemm fl-applikazzjoni għas-sanzjonar ma kellhiex x'taqsam ma' dak li ġie approvat fic-CTB. Infatti fic-CTB la l-għoli tal-garaxx u lanqas l-użu tal-garaxx għall-parkeġġ tat-trakkijiet m'huma nklużi. U l-illegalita' ma tneħħietx. Dan kollu jfisser li sal-lum l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq tal-25 t'April 2007 għadu fis-seħħ.

[13] Fol 97
[14] Fol 64
[15] Fol 91 et seq
[16] Fol 148 et seq

xv. Ingħad ukoll fix-xhieda tagħhom li fil-każ odjern kien sar rapport u meta marru l-uffiċjali tal-infurzar tal-Awtorita' irriżultalhom li l-għoli tal-garaxx ma kienx kif indikat mill-perit inkarigat mir-rikorrent. Li kieku dan il-perit indika l-għoli attwali tal-garaxx is-CTB ma kienx jinħareġ għax parkeġġjar ta' trakkijiet kummerċjali f'dik l-area mhuwhiex permissibbli.

xvi. Il-perit Daniel Grima[17] nkarigat mir-rikorrent, xehed li safejn jiftakar kien applika f'isem ir-rikorrent mal-MEPA u ottjena *concession* fuq il-*floor to ceiling height* tal-garaxx. Xehed ukoll li trakkijiet kummerċjali li huma użati għal skop ta' bini eċċ ma jistgħux jiddaħħlu f'garaxx intiż għal vetturi privati, imma għandhom jiġu pparkjati f'garaxxijiet approvati barra miż-żoni residenzjali. Iżda minn informazzjoni li tawh il-MEPA, trakkijiet *vintage/classic* intiżi li jinżammu għas-sbuħija tagħhom u biex jinħarġu eż għal xi wirja jistgħu jiddaħlu fil-garaxx tar-rikorrent.

xvii. Wara l-2012 l-attivita' kummerċjali tar-rikorrent kienet intensifikat billi bdew jiddaħħlu wkoll fil-garaxx iż-żewġ trakkijiet li juża fix-xogħol tiegħu. Wara diversi rapporti li saru u spezzjonijiet[18] mill-uffiċjali tal-Awtorita', ir-rikorrent ġie mwissi diversi drabi biex din l-attivita' kummerċjali mill-garaxx imsemmi tieqaf.

xviii. Minħabba f'hekk, fl-10 ta' Ġunju 2014 l-Awtorita' ntimata ħadet *direct action* bl-assistenza tal-Pulizija. Permezz ta' din l-azzjoni r-rikorrent ġie mitlub ineħħi t-trakkijiet kummerċjali mill-garaxx u fil-fatt hu kkopera u ħariġhom mill-garaxx u ta kelma li mhux ser jerġa jdaħħalhom hemm;

xix. Kemm mix-xhieda ta' Charles Gafa' għan-nom tal-Awtorita'[19] kif ukoll mill-kontro-eżami tar-rikorrent[20] huwa paċifiku li meta ttieħdet din l-azzjoni, tnejn mit-tlett trakkkijiet biss tneħħew mill-garaxx. It-tielet wieħed li huwa *vintage/classic* tħalla hemm. Dan għaliex, kif kompla jixhed Charles Gafa'[21], ladarba ma kienx ser isir użu kummerċjali minn dan it-trakk *vintage/classic* ma kienx jikkostitwixxi *change of use* għal fini tal-permess tal-bini;

[17] Fol 44 et seq, fol 185A et seq u fol 214 et seq
[18] Fol 178
[19] Fol 161
[20] Fol 147
[21] Fol 161

xx. L-Awtorita' ssostni li l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq numru 266/07 ma jistax jingħalaq għax ir-rikorrent għandu l-ewwel isegwi l-proċedura skont il-liġi sabiex tiġi regolarizzata tali sitwazzjoni.

## B. ĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI

1. **Fl-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat**, huwa jgħid li mhuwhiex leġittimu kontradittur in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 7 tal-Kap 504 u dan presumendo li din il-kawża kellha tiġi diretta fil-konfront tal-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Inoltre l-Awtorita' msemmija għandha numru ta' diretturi li jamministraw id-diversi direttorati tagħha kif jirriżulta mill-istess Att u r-rikorrent naqas milli jindika għall-liema direttur qiegħed jirreferi.

**L-artikolu 7 tal-Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta**, kif viġenti fl-epoka tal-intavolar tal-kawża odjerna jipprovdi dwar il-personalità ġuridika u rappreżentanza tal-Awtorità u jgħid hekk -

*"7. (1) L-Awtorità tkun enti morali b'personalità ġuridika distinta u tkun tista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, takkwista, iżżomm u tneħħi kull xorta ta' proprjetà għall-għanijiet tal-funzjonijiet tagħha, tħarrek, tiġi mħarrka, u tagħmel kull ħaġa u tidħol f'kull operazzjoni li jkunu inċidentali jew iwasslu għall-eżerċizzju jew għall-qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, magħdud li tislef jew tissellef il-flus.*

*(2) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Awtorità tkun vestita solidalment fiċ-Chairperson u fl-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni:*

*Iżda l-Awtorità tista' taħtar lil xi wieħed jew aktar mill-membri l-oħra tagħha jew lil xi wieħed jew aktar mill-uffiċjali jew mill-impjegati tal-Awtorità biex jidhru f'isem u għall-Awtorità f'kull proċediment ġudizzjarju u f'kull att, kuntratt, strument jew dokument ieħor, ikun li jkun, jew fil-każ ta' xi vakanza fil-kariga ta' Chairman jew Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.*

*(3) Fl-assenza taċ-Chairman, jew jekk iċ-Chairmanma jkunx jista' jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, kemm jekk taħt din jew xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, kull wieħed miċ-chairpersons deputati għandhom iwettqu dawk il-funzjonijiet u għandhom idawru l-presidenza ta' l-Awtorità bejniethom safejn ikun prattiku."*

Fil-ġurisprudenza in materja fosthom fil-każ **Angela sive Gina Balzan vs L-Onorevoli Prim Ministru et deċiż fil-15 ta' Diċembru 2017**[22] ingħad hekk **-**

*"Kif qalet riċentement din il-Qorti stess fil-każ **Joseph Grech et vs Nikka Developments Company Limited et** deċiż fit-3 ta' Novembru 2017 -*

*Dwar l-argument tas-soċjeta' li hija mhijiex legittimu kontradittur, kif qalet din il-Qorti fil-każ **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deciz fit-28 ta' Settembru 2016**[23] -*

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawża bħala leġittimu kontradittur jirriżultaw ben ċari mill-ġurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deċiża fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell**:***

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-każ fl-ismijiet **Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009**[24] intqal hekk:*

---

[22] Rik Kost 14/15
[23] Rik Gur 700/14
[24] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinsel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodiċi Ċivili. Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża."*

*Illi inoltre l-ġurisprudenza tkompli hekk:*

*"Għal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta."* ***(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)[25].***

*Inoltre fil-każ* ***Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et deciz fit-3 ta' Ottubru 2008[26]*** *ingħad li -*

*"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."*

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tqis li mill-premessi u t-talbiet tar-rikorrent fir-rikors promotur jirriżulta b'mod ċar li l-lanjanzi huma diretti lejn l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Huwa minnu li l-artikolu 7 tal-Kap 504 jelenka b'mod aktar dettaljat kif għandha tkun imqassma l-personalità ġuridika u rappreżentanza tal-istess Awtorità. Madankollu, fis-sustanza tagħhom, kawżi kostituzzjonali huma diretti lejn l-Istat u allura, jekk ser jinstab ksur ta' drittijiet fundamentali taċ-ċittadin, kull ma huwa meħtieġ hu li l-Istat ikun adegwatament rappreżentat fil-kawża.

Għalkemm id-deskrizzjoni tal-intimat fir-rikors promotur hija kemmxejn ġenerika, il-Qorti hija sodisfatta li l-Istat huwa rappreżentat adegwatament mill-entita' idonea u kwindi ma hemm lanqas ebda preġudizzju għad-difiża tiegħu tant li l-istess intimat qiegħed jopponi fermement il-pretensjonijiet tar-rikorrent bl-eċċezzjonijiet u l-provi minnu mressqa.

---

[25] (Nru 777/06) Deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell

[26] Cit Nru 1236/07

**Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ser tiġi miċħuda.**

**2. Fit-tieni eċċezzjoni tad-Direttur intimat**, huwa jgħid li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli għalih skont il-liġi sabiex jokkontesta l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq numru 266/15.

**L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li:

*"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

**L-artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea** (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi hekk -

*"Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra."*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fid-29 t'April 2013[27] u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 -

*"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "**Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "**Philip Spiteri vs Sammy Meilaq**" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

[27] Rik Nru 68/11

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

……

*Fil-kawża fl-ismijiet* ***"Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et"*** *(deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***"Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et"*** *deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[28] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

"*Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli.*"[29]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[30]

*"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha."*[31]

*"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[32]

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern is-soċjeta' rikorrenti kellhiex a dispożizzjoni tagħha rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnha u fil-każ affermattiv jekk tali rimedji setgħux jakkordaw rimedju sħiħ għall-lanjanzi kollha tagħha.

Madankollu tispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li - fil-parametri tal-dispożizzjonijiet u nsenjamenti ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u l-Qrati relattivi– **tagħżel HI** jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u

[28] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005
[29] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994
[30] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995.
[31] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002
[32] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000

dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[33]:

"*….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;*"

Fl-isfond tal-prinċipji ġurisprudenzjali elenkati l-Qorti tinnota li d-Diretur intimat elenka diversi rimedji ordinarji li seta' rrikorra għalihom ir-rikorrent fosthom ir-rimedju ordinarju tal-appell kontra l-ħruġ tal-imsemmi Avviż quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ai termini tal-artikolu 86(12) tal-Kap 504 li jgħid hekk -

*"Kull persuna li tħoss ruħha aggravata minn xi ordni jew avviż notifikat lilha tista', fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifikatal-avviż jew l-ordni, tappella kontra tiegħu lit-Tribunal, u meta jsir appell bħal dak it-Tribunal:*

*(a) jekk ikun sodisfatt li l-liċenza jew il-permess ikun ingħata taħt dan l-Att, jew taħt xi liġi oħra li qabel dan l-Att kien jirregola l-attività inkwistjoni jew permessi tal-bini, għall-attività jew żvilupp li l-ordni jew l-avviż ikun jirreferi għalih, jew li ebda liċenza jew permess ma kien meħtieġ fir-rigward tiegħu, skont il-każ, u li l-kondizzjonijiet li għalihom tali liċenza jewpermess ingħata jkunu ġew imħarsa, għandu jannulla l-ordni jew avviż li għalih ikun sar l-appell jew dik il-parti tiegħu li dwarha l-Bord ikun sodisfatt kif imsemmi qabel;(b) f'kull każ ieħor, għandu jiċħad l-appell."*

Jissemma wkoll mid-Direttur intimat rimedju ieħor disponibbli lir-rikorrent u ċioe' r-rimedju tal-appell fuq punt ta' liġi quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) f'każ li kien iħossu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal. Dan bis-saħħa tal-artikolu 41 tal-Kap 504.

[33] Rik 40/10

Madankollu, dawn ir-rimedji ordinarji, flimkien mar-rimedji l-oħra msemmija mid-Direttur intimat xorta ma jistgħux jindagaw l-ilment li għandha quddiemha l-Qorti llum u ċioe' dwar jekk l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq numru 266/07 u d-*direct action* tal-10 ta' Ġunju 2014 humiex lezivi tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni. **Hija biss il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-vesti Kostituzzjonali tagħha li għandha l-poter li titratta u tiddeċiedi dwar dawn l-ilmenti u mhux Tribunal jew Qorti ta' ġurisdizzjoni ordinarja.**

**Għal din ir-raġuni t-tieni eċċezzjoni tad-Direttur intimat ser tiġi miċħuda.**

**Ċ. <u>MERTU</u>**

**Fl-ewwel talba tiegħu** r-rikorrent qed jitlob lill-Qorti tiddikjara li bil-ħruġ u l-azzjoni diretta tal-Avviż ta' Twettiq numru 266/07 mill-Awtorita' ġew vjolati d-drittijiet fondamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni.

**L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** jgħid hekk -

*"(1) Ebda proprjetà ta` kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b`mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta` kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b`mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta` liġi applikabbli għal dak itteħid ta` pussess jew akkwist –*

*(a) għall-ħlas ta` kumpens xieraq;*

*(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak ilkumpens dritt ta` aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u lammont ta` kull kumpens li għalih tista` tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta` dak il-kumpens; u*

*(c) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f`dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta` appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f`Malta:*

*Iżda f`każijiet speċjali l-Parlament jista`, jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b`liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda*

*l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b`mod obbligatorju; u f`kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk. »*

**L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk –

*"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha d-dritt għat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tagħha.*

*Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku ġu bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta` qabel ma għandhom b`ebda mod inaqqsu d-dritt ta` Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjeta` skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.".*

Fl-analiżi tagħha fil-kuntest ta' dan l-artikolu l-Qorti trid tara jekk ġewx rispettati t-tlett prinċipji distinti tiegħu u ċioe' illi (a) il-miżura meħuda mill-Istat saret taħt qafas legali; (b) l-iskop tal-miżura kien wieħed leġittimu; u (c) il-miżura meħuda mill-Istat żammet bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan pubbliku u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien tal-proprjeta'.

Il-Qorti tirreferi għall-każ fl-ismijiet **John Bonnett et vs L-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi et deċiż fis-27 ta' Marzu 2018.** Dan il-każ kien jirrigwarda Avviżi biex Tieqaf u ta' Twettiq maħruġa mill-Awtorita' ntimata a bażi ta' allegat żvilupp illegali fuq żewġ scrapyards ġestiti mir-rikorrenti. **Dwar l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni** l-Qorti qalet hekk -

*"**<u>L-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni</u>***

*Abbażi tal-Konvenzjoni, huwa mħares id-dritt għat-tgawdija tal-beni. Kull restrizzjoni tal-pussess ta` beni hija soġġetta għal kondizzjonijiet. L-Istat għandu*

*dritt jikkontrolla l-użu ta` proprjeta` fl-interess pubbliku, billi jagħmel u jenforza dawk il-liġijiet illi jqis neċessarji.*

*Id-dritt għat-tgawdija tal-beni jinkludi d-dritt tal-proprjeta`. Id-dritt mhuwiex limitat biss għal beni korporali jew tanġibbli.*

*Fid-deċizjoni "**Gasus Dosier und Fordertechnik GmbH v The Netherlands**" (1995), l-ECHR osservat illi sabiex jikkwalifika għall-ħarsien mill-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni, id-dritt jew l-interess irid ikollu valur ekonomiku jew ikun ta` natura pekunarja. Il-Qorti marret oltre l-kwistjoni ta` titolu. Id-dritt jeżisti jekk ikun hemm interess illi jissarraf f`valur ekonomiku.*

*Skond il-ġurisprudenza tal-ECHR, il-frażi `possessions` għandu "an autonomous meaning which is certainly not limited ownership of physical goods ; certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as property rights` and thus as possession for the purposes of this provision." (The European Legal Forum (E) 7-2000/01, 437-444 : Sebastien Drooghenbroeck : The concept of possessions within the meaning of Article 1 of the First Protocol to the European Convention for the Protection of Human Rights an d Fundamental Freedoms).*

*L-ECHR irrimarkat illi "there is no possession in an item where the link between the applicant`s payment and the ultimate value of the thing is not established, so where an applicant has made contributions to a social security scheme but there is no link between the contributions and the ultimate share claimed by the applicant, this does not come within the scope of Protocol 1 Art.1 (G v Austria (1984) 38 DR 84) ; the same applies to contributions to pension schemes (X v Netherlands (1972) 38 CD 9.)*

*Fis-sentenza li tat fil-5 ta` Mejju 1995 fil-kawża "Air Canada v. United Kingdom" l-ECHR irrimarkat illi –*

*"29. The Court recalls that Article 2 (P1-1) guarantees in substance the right of property and comprises three distinct rules. The first, which is expressed in the first sentence of the first paragraph (P1-1) and is of a general nature, lays down the principle of peaceful enjoyment of property. The second, in the second sentence of the same paragraph (P1-1), covers deprivation of possessions and*

*makes it subject to certain conditions. The third, contained in the second paragraph (P1-1), recognises that the Contracting States are entitled to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties."*

*Fil-Paġ 548 ta` "The European Convention on Human Rights" (Seventh Edition – OUP) Jacobs, White and Ovey igħidu hekk –*

*"The Court has repeatedly said that the Article comprises three distinct rules. First, everyone is entitled to peaceful enjoyment of their possessions. Secondly, deprivation of possessions is subject to certain conditions. Finally Contracting Parties are entitled to control the use of property where it is in the general interest. But these are not distinct rules, since the second and third rules relate to interferences with the peaceful enjoyment of possessions which may be justified in the general interest ... Once it has been established that the applicant has an interest which can be classified as a possession, the general approach of the Strasbourg Court is to consider first whether there has been a deprivation of possessions, followed by considerations of whether there has been a control of the use of possessions, since these are matters specifically dealt with by the Article."*

*Fid-deċiżjoni li tat fit-23 ta` Marzu 2012 fil-kawża "**Carmel sive Charles Camenzuli et v. Kummissarju ta` l-Artijiet et**" (mhux appellata) din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk :-*

*"Għalkemm Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal Konvenzjoni Ewropeja ma jipprovdiniex b`definizzjoni ta` x` jikkonsisti l-kunċett ta` beni jew possedimenti, ġie stabbilit, diversi drabi, li dan il-kunċett huwa interpretat b` mod wiesa`. In fatti, f` **Mellacher vs Austria** (19 December 1989), dan il-kunċett ġiet interpretat li ma jinkludix biss art, imma anke interessi oħra li għandhom valur ekonomiku. Isegwi illi kull interess li ma jurix din il-karatteristika ta` valur ekonomiku, dan jeskludi awtomatikament mill-iskop jew l-applikabbilita` ta` dan l-Artikolu.*

*Skond ma tikteb Monica Carss-Frisk (`A Guide to the Impleme ntation of Article 1 of Protocol Number 1`) infatti, `...the concept of what constitutes property or possessions, in article 1 of Protocol number 1 is wide ... range of economic*

*interests falls within the scope of the right to property, including movable or immovable property, tangible or intangible interests.'*

*Dan l-artikolu ma jillimitax il-protezzjoni li jħaddan lill-proprjeta` fis-sens klassiku tal-kelma, iżda jestendi l-protezzjoni tiegħu għal interessi oħra."*

*Fis-sentenza li tat fil-każ ta`* ***Barbara vs Onor. Prim Ministru*** *(20 ta` Jannar 1989), il-Qorti Kostituzzjonali għamlet dawn l-osservazzjonijiet:*

*"Huwa minnu, kif intqal hawn fuq, illi dawn l-interessi għandhom ikunu, qabel xejn, ta` natura kummerċjali, jew aħjar, ekonomika. Barra minn hekk, dawn l-interessi għandhom juru suffiċentement li huma kapaci "of being realized" b`hekk jirrappreżentaw dik li nsejħulha "legitimate expectation" kif ser naraw aktar `l isfel, u fl-aħħarnett, dawn l-interessi legali għandhom ukoll jimmanifestaw irwieħhom u fuq kollox ikunu identifikati.*

*Il-protezzjoni ta` dan l-Artikolu tapplika biss f`każ li wieħed jista` "lay a claim to the property concerned". Dan l-Artikolu jipproteġi dik il-proprjeta` ġia` eżistenti u mhux id-dritt li wieħed jakkwista proprjeta` fil-futur. L-Artikolu 1 Protokol Numru 1, japplika biss, wieħed jista` jinnota, għall-beni jew possedimenti li persuna diġa` għandha u li diġa` qed tgawdi. Irid jiġi pruvat mill-applikant quddiem il-Qorti li huwa għandu pretensjoni legali li jeżerċita "property rights" –* ***Zwierzynski v. Poland****, 19 ta` Ġunju, 2001.*

*Sabiex wieħed jitlob u jinvoka l-protezzjoni ta` dan l-Artikolu, wieħed irid ikollu forma ta` dritt li qed igawdi li, skond il-Konvenzjoni Ewropea, jiġi meqjus bħala "property right" – S v. United Kingdom (1986 – Application Number 11716/85). Alternattivament, sabiex "claim" tkun ikkonsiderata bħala "possession" taħt Artikolu 1 Protokol Numru 1, għandu jiġi ppruvat li hemm pretensjoni legali li timmerita li tiġi akkolta".*

*A legitimate expectation must be of a nature more concrete than a mere hope and be based on a legal provision or a legal act..." –* ***Gratzinger and Gratzingerova v. The Czech Republic (2002)****.*

*Jekk dan ma jkunx hekk, allura ma jistax jingħad li hemm "legitimate expectation". Dan ifisser illi dik it-talba trid tkun suffiċentament "established to*

*be enforceable" – case of* ***Burdov v. Russia****, 7 ta` Mejju, 2002;* ***Timofeyen v. Russia****, 23 ta` Jannar, 2004 u* ***Stran Greek Refineries & Straits Andreadis v. Greece****, 9 ta` Dicembru, 1994. Jekk din it-talba ma tistax tkun imwettqa, allura ma tistax tiġi kkwalifikata bħala "possession". Barra minn hekk, ġie interpretat ukoll li "a claim" jew talba, tista` tiġi kkonsidrata bhala "possession" taht dan l-Artikolu jekk huwa muri li hemm "a legal entitlement", ossia dritt legali għall-benefiċċju ekonomiku ta` dak l-individwu koncernat jew "a legitimate expectation that the entitlement will materlise"* ***– Pressos Compania Naviera S.A. v. Belgium (1995)7 u National and Provincial Building Society v. U.K. (1997)****.*

*Peress li dan l-Artikolu fil-prinċipju tiegħu jeskludi d-dritt ghall-akkwist,* ***Potocka and Others v. Poland (2000)****, huwa importanti illi kull min iġib azzjoni għall-ksur ta` dan l-Artikolu, jipproduċi prima facie evidenza ta` l-eżistenza u l-validita` tat-talba tiegħu jew tagħha għal dak il-beni inkwistjoni."*
*Hekk ukoll kif qalet din il-Qorti fil-kawża* ***Zammit v. Ellul Vincenti noe****, deċiża fil-31 ta` Lulju, 1996, f`referenza għall-artikolu wieħed in kwistjoni :*

*"Hu immedjatament ovvju li l-protezzjoni tal-konvenzjoni hi favur it-tgawdija paċifika ta' possedimenti ta` kull persuna u kontra li jiġu pprivati minnhom ħlief fl-interess pubbliku.Ovvju wkoll li dan id-dritt ma jeżistix u allura ma jistax jiġi vjolat jekk il-persuni, f`dan il-każ l-appellant, ma jipprovawx li huma ghandhom jew kellhom, fil-mument tal-allegata vjolazzjoni, il-possediment li minnhom jallegaw li ġew illegalment u abbużivament ipprivati". (enfażi miżjud)*

*Fuq l-istess linji, huma l-osservazzjonijiet li għamel Tonio Borg fil-ktieb "A Commentary on the Constitution of Malta" (Kite – 2016 – pag.108) dwar"possediment".*

*Igħid :-*

*"The word "possessions" has a wide meaning. Trading licences, rights, personal or real, over property are considered possessions. (See Victor Spiteri vs Attorney General et (CC) (1 October 2009) (1/08)L "A licence in virtue of which one may exercise a commercial activity is considered as a kind of possession for the purpose of the said article, and the lack of its renewal can amount to an interference or a denial of one`s peaceful enjoyment thereof.") Article 1 also*

*protects legitimate expectations where evidence indicates that an applicant has a claim which he could legitimately expect to be determined in accordance with the ordinary law (of liability for negligence) and therefore a "possession" within the meaning of the first sentence of Article 1 of Protocol 1, which is accordingly applicable in the case. (Maurice vs France (ECrtHR) (6 October 2005) (11810/03). In Commissioner of Land vs Frank Calleja (CC) (6 September 2010) (6/07), the Constitutional Court decided that the retroactive application of a law which prohibited the award of compensation in an amount higher than the one claimed by the owners, when a case before the Land Arbitration Board had been postponed for judgement under the previous law which allowed such liquidation of a higher compensation, was in breach of such legitimate expectation and therefore in breach of Article 1 Protocol 1. However in Commissioner of Land vs Maria Teresa Deguara Caruana Gatto (CC) (6 September 2010) (4 & 5/07) the fact that the technical referees had not yet submitted their Report before the Land Arbitration Board when the said retroactive law came into force, militated against a similar claim for legitimate expectation.)*

*In a similar vein it has been decided that a license for a pig breeding farm could not be withdrawn if the operator did not contravene the law. The fact that the authorities allowed construction of dwelling houses next to the farm did not justify the cancellation of such a license. (See* ***Carmelo Vella et vs Commissioner of Police*** *(CC) (24 September 2010) (46/05): "In this case it was not the behaviour of the applicant which led to the breach of the regulations relating to the minimum statutory distances but the person who authorised the building in the area around the farmhouse. If, in this way, a situation arose creating public health problems, applicant should not suffer the consequences of these decisions".) Such a cancellation amounted to a breach of Article 1 Protocol 1."*

Fir-rigward tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** ingħad hekk fil-każ **Rik 14/15 fl-ismijiet Angela sive Gina Balzan vs L-Onorevoli Prim Ministru et deċiż fil-15 ta' Diċembru 2017 -**

*"Illi kif irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet* ***Mary Anne Busuttil vs Tabib John Cassar et,*** *datata l-31 ta' Ottubru, 2014:*

*"L-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni jħares mhux biss kontra t-teħid tal-proprjeta' sħiħa mingħajr kumpens xieraq, b'mod li tinħoloq sitwazzjoni fejn "is-sid oriġinali ġie żvestit u mneżża minn kull dritt li għandu fuq dik il-proprjeta", iżda*

*jrid ukoll illi "ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun" ma jittieħed mingħajr kumpens xieraq;*

*Mill-kliem adoperat fil-provvediment kostituzzjonali in eżami, jirriżulta ċar li l-leġislatur ried li tingħata intepretazzjoni wiesgħa għall-oġġett ta' teħid li jista' jkun "interess" jew "dritt" fi proprjeta "ta' kull xorta."*

*Dan qiegħed jingħad ukoll fuq l-iskorta ta' dak li ntqal fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, tal-24 ta' Ġunju, 2016, fil-kawża fl-ismijiet* ***Vincent Curmi et vs Avukat Generali et****:*

*Jiġi osservat li, għalkemm il-każ odjern ma jittrattax esproprijazzjoni imma jirrigwardja t-teħid ta' interess fi proprjeta għal skopijiet ta' kirja, dan it-teħid ta' interess tant hu riġidu u wiesa' li fil-prattika jservi sabiex jippriva lir-rikorrenti bħala sidien mill-użu u mit-tgawdija tal-proprjeta` tagħhom.*

*Għaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li hi konxja tal-ġurisprudenza indikata mill-Avukat Ġenerali li tgħid li l-kontroll ta' użu u tgawdija ta' proprjeta` huwa eżenti mill-applikazzjoni tal-artikolu 37[1] tal-Kostituzzjoni, hi tal-fehma li f'dan il-każ non si tratta semplicement ta' kontroll ta' użu izda si tratta ta' teħid ta' interess fi proprjeta' u għalhekk jaqa' fil-protezzjoni tal-artikolu kostituzzjonali fuq ċitat."*

Applikati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali għall-każ odjern il-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet -

1. Intwera b'mod sodisfaċenti mill-provi li r-rikorrent huwa s-sid tal-garaxx u t-trakkijiet li b'rabta magħhom inħareġ l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq u seħħet id-*direct action* mill-Awtorita' ntimata. Għalhekk dawn jikkwalifikaw bħala "proprjeta'" u "possedimenti" għall-fini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni rispettivament;

2. Bħala prinċipju ġenerali huwa paċifiku li l-Istat għandu d-dritt u l-obbligu li jieħu azzjonijiet xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjeta'/possedimenti skont l-interess ġenerali. Infatti l-Istat għandu f'idejh diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieg fl-interess ġenerali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali. Madankollu, fit-tħaddim ta' din id-diskrezzjoni tiegħu huwa xorta m'għandux il-*mano libera* li jippreġudika b'mod sproporzjonat id-drittijiet taċ-ċittadini milquta. Fin-nuqqas

huwa l-Istat li għandu jġorr ir-responsabbilta' għal dan l-iżbilanċ bejn il-varji drittijiet imsemmija;

3. L-ilment tar-rikorrent huwa ppernjat fuq l-allegazzjoni li minħabba l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq numru 266/07 u d-*direct action* tal-10 ta' Ġunju 2014, l-Istat permezz tal-Awtorita' ntimata, wettaq kontroll fit-tgawdija u fl-użu tal-proprjeta` tiegħu peress li fil-fehma tiegħu ġie żvestiti mid-dritt li jipparkeġġja trakkijiet tiegħu fil-proprjeta' tiegħu stess. Jallega wkoll li dawn l-azzjonijiet skattaw wara rapporti ta' nkonvenjent lill-ġirien;

4. Madankollu l-Qorti tqis li filwaqt li r-rikorrent qiegħed jivvanta dan id-dritt u jallega ksur tad-drittijet fundamentali tiegħu, konvenjentement qiegħed iħalli barra l-aktar punt kruċjali li rriżulta fil-kawża. L-għerq ta' kollox mhuwhiex il-fatt li bl-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq ir-rikorrent ma setax jibqa' jdaħħal it-trakkijiet fil-proprjeta' tiegħu stess jew li ttieħdet *direct action* allegatament "abbużiva" mill-intimat, imma l-fatt li *a priori* iż-żewġ trakkijiet kummerċjali suppost qatt ma ddaħħlu hemm u l-fatt li l-garaxx kellu jinbena ta' għoli kif approvat fil-permess ta' bini tal-1989 u mhux bl-għoli llegali kif inhu;

5. Ir-rikorrent kien ben konsapevoli tal-fatt li dan il-permess tal-bini kien kjarament jgħid li l-garaxx tar-rikorrent seta' jintuża biss għal vetturi privati u mhux kummerċjali, kif ukoll li ma setax jeċċedi l-għoli approvat fil-binja tal-garaxx. Il-Qorti tagħmilha ċara li l-fatt li r-rikorrent għandu proprjeta' ma jfissirx li jista' jagħmel biha u fiha dak li jrid jekk dan ikun qiegħed isir bi ksur tal-liġi;

6. Ir-rikorrent mhux talli njora dawn l-obbligi tiegħu talli baqa' apertament jippersisti fl-illegalita' għal snin sħaħ sakemm l-Awtorita' ntimata kienet kostretta tibda tieħu l-passi kontrih skont il-liġi meta fil-25 t'April 2007 ħarġet l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq;

7. Iżda lanqas dan ma kien biżżejjed sabiex ir-rikorrent jirregolarizza darba għal dejjem il-pożizzjoni tiegħu mal-liġi. Anzi lanqas biss ikkontestaha quddiem il-fora idenei ordinarji;

8. Filwaqt li għal xi żmien kien ir-rikorrent stess li rrikonoxxa din l-illegalita' - billi fl-2012 intavola applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp quddiem il-MEPA sabiex jiġu sanzjonati illegalitajiet kommessi kemm fl-għoli tal-garaxx u anke

fejn jidħol l-użu tiegħu – huwa għażel , għar-raguijiet xejn spjegabbli, li jirtiraha sena wara fl-2013;

9. Il-Qorti tinnotta wkoll li, kif irriżulta mill-provi, minkejja r-rapporti li daħlu, minkejja l-varji spezzjonijiet li sarulu mll-uffiċjali tal-Awtorita', minkejja t-twissijiet li ngħata mill-Awtorita' ntimata biex anke din l-attivita' kummerċjali mill-garaxx imsemmi tieqaf, **huwa qatt ma ottempra ruħu**;

10. Kien allura l-aġir illegali persistenti u kontinwat tar-rikorrent li wassal sabiex l-Awtorita' ntimata kienet kostretta tieħu *direct action* kontrih bl-assistenza tal-Pulizija fl-2014 u tneħħew it-trakkijiet kummerċjali mill-garaxx tiegħu;

11. Fl-isfond ta' dan il-kwadru ta' riżultanzi, l-Qorti hija perplessa kif ir-rikorrent qiegħed ipinġi lilu nnifsu bħala vittma ta' ksur ta' drittijiet fundamentali. Il-Qorti ma tista' qatt tapprova aġir li jmur kontra l-liġi għax altrimenti tkun qegħda **HI** tissana l-illegalita' minnu kommessa;

12. Jiġi sottolineat ukoll li l-proċeduri fil-Qrati, inkluż kawżi kostituzzjonali, mhumhiex intiżi li jservu ta' paraventu biex l-illegalitajiet li saru mir-rikorrenti u l-ksur lampanti tal-liġi tal-Ippjanar jirċievu l-barka tal-ġudikant ħalli jibqgħu għaddejjin;

13. Anzi, fil-każ odjern, l-miżuri meħuda mill-Awtorita' ntimata huma meqjusa propozjonati għall-fini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni stante li mhux biss ir-rikorrent ingħata kull opportunita' biex isewwi l-illegalitajiet, iżda wkoll li fiċ-ċirkustanzi l-Awtorita' ma kellhiex alternattivi oħra sabiex tindirizza l-illegalitajiet kommessi mir-rikorrent ħlief li finalment toħroġ l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq u tieħu *direct action* kontra r-rikorrent skont il-liġi. Issir referenza wkoll għall-**artikolu 90 (1) tal-Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta** –

*"Jekk xi passi jew azzjoni oħra, kompriżi s-sospensjoni,twaqqif jew ħtieġa oħra bħal dik, meħtieġa li jittieħdu b'avviż ta'twettiq ma jkunux ittieħdu fiż-żmien speċifikat hemmhekk, l-Awtorità tista' tidħol fl-art, jew f'area tal-baħar u tieħu dawk il-passi jew azzjoni oħra kif imsemmijin, inklużi l-iżmantellar jew it-tneħħija ta' xi apparat, makkinarju, għodod, beni, vetturi jew xi oġġetti oħra li*

*jistgħu jkunu fis-sit u l-għemil ta' kull xogħol meħtieġ biex twettaq dak mitlub fl-avviż ta' twettiq u għal dan il-għan tista' titlob l-għajnuna tal-Korp tal-Pulizija, ta' kull kunsill lokali, kull dipartiment tal-Gvern jew kull aġenzija tal-Gvern; u l-Korp tal-Pulizija għandu għal dan il-għan jeżerċita dawk is-setgħat mogħtija lilu bil-liġi."*

14. Kif kompliet tgħid din il-Qorti diversament preseduta fil-każ ċitat aktar qabel fl-ismijiet **John Bonnett et vs L-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi et** -

*"....din il-Qorti tirriafferma l-prinċipju li l-liġi ma hijiex hemm biex tittutela l-illegalita` u jiġi żvantaggjat min jikkonforma ruħhu mal-liġi. Min jieħu vantaġġ billi jagħmel illegalita` ma jistax jippretendi li l-liġi tagħtih rimedju.*

*Ex turpi causa non oritur actio. Din il-massima legali hija magħrufa bhala `illegality defence`. Tifsira tagħha minn Lord Mansfield CJ fil-kawża* ***Holman v Johnson (1775)*** *1 Cowp 341I fejn intqal :*

*"No court will lend its aid to a man who founds his cause of action upon an immoral or an illegal act".*

*Il-prinċipju kien applikat anke għalina fis-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta` April 2015 fil-kawża* ***"John Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et"*** *fejn inghad :-*

*"10. Huwa minnu illi aspettativa tista` tkun "possediment" għall-ghanijiet tal-ħarsien tal-jedd għat-tgawdija. Din l-aspettativa iżda trid tkun leġittima u l-aspettativi leġittimi li jixirqilhom ħarsien ma jitnisslux mill-ksur tal-liġi.*

*L-aspettativa leġittima li jista` jkollu min, bħall-atturi, jisker u jisfida ordni tal-qorti, hija biss illi jkun imġiegħel ineħħi l-istat ta` illegalità li jkun ħoloq bil-ksur tal-liġi u mhux illi l-illegalità tiġi konvertita f`legalità.*

*11. Fil-kaz tallum l-atturi għażlu li ma joqogħdux għal ordni tal-qorti u issa għandhom "aspettativa" illi dik l-ordni titħassar sabiex ikunu jistgħu jżommu dak li kisbu leġittimament. Din hija l-aspettativa ta` min bi ksur tal-liġi joħloq stat ta` fatt favorevoli għalih u mbaghad jistenna li tiġi ratifikata l-illegalità biex*

*ikompli jgawdi l-qligħ illeċitu tiegħu. Din iżda ma hijiex aspettativa li jixirqilha ħarsien, wisq anqas ħarsien ta` dritt fondamentali.*

*(.....)*

*min jieħu vantaġġ billi jagħmel illegalità ma jistax jippretendi li l-liġi tagħtih rimedju qabel ma jneħħi dak li jkun għamel bi ksur tal-liġi. Dan huwa prinċipju ta` ordni pubbliku, biex tingħeleb il-mentalità li jaqbillek "tikkapparra" t-tgawdija bi ksur tal-liġi biex forsi eventwalment l-illegalità tkun sanzjonata, mentalità li tippremja lil min jikser il-liġi u tippenalizza lil min ifittex li jħarisha f`kollox. Il-prinċipju huwa sempliċi u elementari: li kieku l-atturi fehmu mill-bidu illi ma humiex sejrin jiksbu dak li jridu qabel ma jkunu neħħew dak li għamlu bi ksur tal-liġi, kieku ma kinux jiksru l-ligi. Dik hija t-taghlima li trid tagħti l-liġi, iżda l-messaġġ li jingħata jkun proprju l-oppost ta` dan jekk jintlaqgħu t-talbiet tal-atturi."*

*Igħid Laurent (Vol.XXVII Para.402) –*

*"Quando il fatto e` illecito la legge non riconosce alcun effetto alla convenzione ; e` una obbligazione fondata su causa illecita, poiche` la causa si confonde con l`oggetto dei contratti ; e quando la causa e` illecita l` obbligazione e` inesistente e non puo` avere alcun effetto.*

*Fid-deċiżjoni li tat fit-28 ta` Marzu 2014 fil-kawża* ***Erika Gertrud Selma Menestret vs Dr Georgine Schembri noe****, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni ta` Ġurisdizzjoni Ġenerali qalet :*

*"Magħdud mal-premess, din il-Qorti tgħid li għall-każ tal-lum huwa operattiv il-prinċipju tad-dritt li ħadd ma jista` jieħu vantaġġ mit-turpitudini tiegħu stess (ex turpi non oritur actio). Din il-massima tfisser li ħadd ma jista` jibbaża azzjoni ġudizzjarja fuq att immorali jew illegali.....Fil-kawża "****Scicluna vs Abela****" (Vol.XXXII.I.174) il-Qorti tal-Appell kienet affermat il-prinċipju li l-Qrati ma jistgħux igħinu jew jaġevolaw lil dak li jkun għamel xi ħaġa lleċita (ara wkoll - "****J.M.V. Holding Limited et vs Karina Holdings Limited et****" – Qorti tal-Appell - 30 ta` Novembru 2007"."*

*Issir ukoll riferenza għal dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***Tarcisio Borg vs. Onor. Prim Ministru et*** *tat-12 ta` Jannar 2015 :-*

*"Jekk, f`dan l-istadju, l-attur jitħalla, issa b`mandat kawtelatorju, jwaqqaf it-twettiq tal-avviż u hekk ikompli jtawwal aktar iż-żmien biex tiġi rimedjata l-illegalità milquta bl-avviż, b`hekk tiġi mxekkla aktar milli huwa xieraq l-awtorità fdata bil-ħarsien tal-liġijiet tal-ippjanar fil-qadi tad-dmir pubbliku tagħha. Il-liġi ma hijiex maħsuba u ma għandhiex tiġi nterpretata b`mod illi tgħin lil min jinsab fi stat ta` illegalità jkompli jgawdi minn dik l-illegalità u illi tiffrustra lil min għandu d-dmir li jara li l-liġi titwettaq."*

*Irriżulta b` mod ċar li kontra r-rikorrenti nħarġu żewġ enforcement notices ECF 69/96 maħruġ fil-konfront ta` John Bonnett u ECF 11/14 maħruġ fil-konfront ta` Carmelo Bonnett. Entrambi ħargu in vista ta` żvilupp illegali mwettaq minn kull wieħed mir-rikorrenti konsistenti fil-konverżjoni ta` żewġ porzjonijiet ta` art agrikola, protetti b`ordni ta` skedar, fi scrapyards mingħajr permess.*

*Dan premess, il-Qorti tqis li rriżulta ppruvat illi s-siti kienu joperaw bħala scrapyards minghajr licenzja jew permess.*

*Dan il-fatt ippruvat iwassalha sabiex tieħu l-linja li bl-ebda mod ma tkun hi li taġevola jew tgħin lir-rikorrenti li jibqgħu fi stat ta` illegalita`.*

*(.......)*

*L-iżvilupp illegali mwettaq mir-rikorrenti mingħajr permess jikkostitwixxi ksur ċar tal-Ligi tal-Ippjanar. Aġir bħal dan huwa punibbli mil-Liġi, mhux protett mill-Liġi. L-allegat dritt pretiż mir-rikorrenti li huma jgawdu proprjeta` kolpita` b`illegalita` ma hux sanċit propju għaliex il-liġi ma hijiex hemm biex tittutela l-illegalita` u jiġi żvantaġġjat min jikkonforma ruħu mal-liġi. Il-Qorti tisħaq li r-rikorrenti ma jistgħux jippretendu li jistgħu jitilgħu `l fuq mill-liġi, jikkommettu l-illegalitajiet, jippersistu fl-illegalitajiet tagħhom u ma jneħħux l-istess, u snin wara l-ħruġ tal-enforcement notices, jippreżentaw kawża ta` din ix-xorta illi hi karenti minn kwalsiasi sembjanza ta` bażi legali."*

Magħmula dawn l-osservazzjonijiet suesposti l-unika konklużjoni li tista' tasal għaliha l-Qorti hija dik li t-talbiet tar-rikorrenti ma jimmeritawx li jintlaqgħu.

Għall-istess raġunijiet ser jiġu milqugħa l-bqija tal-eċċezzjonijiet tad-Direttur intimat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi –**

**1. Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tad-Direttur tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu; u**

**2. Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**